MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47

22 ta' Ġunju 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.31pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* fil-ħin. Il-Perit Schembri u s-Sinjura Connie Scerri, kienu għadhom ma daħlux. Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet talba.

## 47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

47.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji. Il-Perit Giorgio Schembri daħal f'dan il-mument 5.32pm. Is-Sur Victor Galea qal li fl-aħħar laqgħa kien immarkat assenti meta kien bgħat imejl qabel li kellu urġenza ta' sptar. Is-Sur Cordina qal li mhux problema kemm jiġi mmarkat assenti b'apoloġija. Qal ukoll li ħa jkollu jitlaq fi x'ħin isir il-ħin minħabba attività ta' kxif ta' lapida.

## 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

47.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 46 ġew approvati.

## 47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

47.3.1 ***Uffiċċini***

Is-Sur Cordina qal li matul din il-ġimgħa il-Perit iltaqa' mal-kuntrattur u ddiskutew il-postijiet fejn ġejja l-għamara tal-uffiċċju biex ikunu jistgħu isiru l-*points* tad-dawl. Ġie wkoll ordnat l-*aluminium.*

47.3.2 ***Reġjun Tramuntana***

Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill li ħarġu xi skemi:

NGO's - €3000 Hu propona li din is-somma tinqasam bejn iż-żewġ każini sabiex tiġi restawrata statwa ta' San Gwakkin u xi armar. Kulħadd qabel

Kultura - €5000 Hu qal li dawn il-fondi jistgħu jiġu utilizzati għal Jum Ħ'Attard.

Stampar - €2000 Qal li dawn jistgħu jintużaw għall-materjal pubbliċitarju jew għar-rivista tal-Kunsill. L-Avukat Caruana qalet li jistgħu ukoll jintużaw għal xi *mail shot*.

## 47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

47.4.1 Is-Sur Giorgio Mario Schembri

- Qal li xtaq jirrimarka fuq il-laqgħa mal-Ministru Dalli l-Miister għall-Ambjent, Enerġija u Intrapriża li fl-opinjoni tiegħu kienet laqgħa kostruttiva ħafna. Huwa saqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq il-punti li tressqu mal-Ministru? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saru kuntatti magħhom fuq tliet affarijiet li huma l-cleanups, il-Kunsill se jipprova

cleanup organizzata b'kollaborazzjoni magħhom, se ssir attività waqt is-Summer Experience li kienet diġà tkellmet fuqha u bagħtu wkoll il-persuna l-isem ta' dik il-persuna nkarigata mill-Water Catchments, is-Sur Manoel Sapiano mill-Water Agency. Irrimarkat ukoll li dan il-Ministeru huwa proattiv u jaħdem ħafna.

Il-Perit Schembri semma wkoll li kellhom ituhom informazzjoni fuq Wied is-Sewda, x'kien ħa jiġri fuq il-kaċċa u l-insib f'din iż-żona u affarijiet oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq dawn ma rċeviet xejn s'issa.

47.4.2 L-Avukat Silvio Brincat

- Qal li xtaq jirreġistra li rċieva diversi lmenti mingħand nies li joqgħodu Triq il-Linja u madwar li saru xi xogħolijiet minn Go plc u Epic li ħallew ħafna trabijiet, nies magħluqin ġo djarhom għax ma ġewx avżati u tgergir ieħor. Qal li dan ix-xogħol qajjem ħafna nkonvenjent u mhux ilment wieħed imma ħafna ħafna lmenti. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill irċieva dawn l-ilment u sar kuntatt mal-kumpanija li uriet il-ħsieb tagħha fuq il-materjal użat għal biex jitwittew it-trinek u li jekk imorru bil-bawzer jibżgħu li jispiċċaw agħar minħabba li t-trab isir tajn. Qal li l-Kunsill għamel pressjoni biex l-*area tinkines* sewwa. Infatti l-Perit Schembri li l-kumpanija ġiet titfa' l-ilma imma spiċċa kollu tajn. Is-Sur Victor Galea qal li jeżistu l-*vacuums* imma s-Sur Cordina qal li normalment dawn jiġbru xkora u jitfgħu xkertejn fl-arja. Is-Sur Cordina qal ukoll li saħansitra intbagħtet e-mail lil Transport Malta biex jaraw il-kundizzjonijiet dwar il-mod kif wieħed jaħdem. Fil-fatt ikkonferma dan il-Perit Schembri filwaqt li s-Sur Cordina qal li għalkemm il-kuntrattur hu msemmi li jaħdem bil-galbu u ħadu ħsieb bosta affarijiet xorta kien hemm ħafna trab.

Is-Sinjura Connie Scerri daħlet f'dan il-waqt 5.44pm.

Hu kkonkluda billi qal li se jittieħdu passi mill-awtorità tat-Trasport.

Għal-fatt li ħafna drabi jkollu jidher hu anke drabi ikrah ma' bosta kuntrattur qal li mhux dejjem taf x'se ssib u min se jieħdok tajjeb. In ġenerali jsib kollaborazzjoni imma kif kompla s-Sur Bonnici illum ma tafx lil min se ssib u għalhekk iħobb jagħmel kuntatt bit-telefon.

47.4.3 L-Avukat Helen Caruana

- Talbet biex jekk ikun hemm xi tindif il-Kunsilliera jkunu nvoluti u anka tinġab fir-rivista biex ir-residenti jkunu jafu li hemm l-*input* ta' kulħadd.

## 47.5 Rapporti

47.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 47.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

47.6.1 Is-Sur Cordina qal li kellu aħbar tajba li Ġnien tal-Fuklar ħa jiġi ri-struttura b'fondi ta' €384493.15c u dawn il-fondi kollha ħa jkunu assorbiti mill-Ministeru tal-Ambjent, Enerġija u

Intrapriża. Il-Perit Schembri qal li qas hemm għalfejn japprovaw la ħa jsir minnhom. Is-Sur Cordina qal li din hi biss stima peress li trid toħroġ it-tender u tiġi evalwata mill-Kunsill għalhekk irid l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li dan il-ġnien ilu li ġie strutturat żmien meta kienu tneħħew il-bandli u tranġa mill-ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li issa se jsir totalment differenti għax ħa jinkorpora *soft landscaping* fejn se jintużaw materjali *environmental friendly* u dak kollu li ħa jsir ħa jkun *sensory* biex wieħed ikun jista' jirrilassa ftit. Kulħadd laqa' dan il-proġett b'pożittività

## 47.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

47.7.1 Is-Sur Bonnici saqsa fuq item 78 fl-iskeda li kien pagament fuq l-attivitajiet li jitħallsu mill-Kunsill daqqa jsiru ġewwa u daqqa barra. Is-Sur Cordina qal li item 78 m'għandux fl-iskeda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dak il-pagament kien tax-xahar ta' qabel li ġa ġie approvat. Is-Sur Bonnici qal li dan kien kont kien iżjed mis-soltu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien iżjed għax dik l-attività saret barra u ġie provdut ix-xorb ukoll barra t-trasport tas-soltu. Hi kkonfermatlu li dak il-pagament sar f'Mejju u l-attività saret f'April. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm inkluż pagament ta' €100 pagabbli lis-Soċjetà Mużikali La Stella Levantina li ġie approvat waqt seduta tal-Kunsill ix-xahar li għadda.
Il-pagamenti ġew approvati b'Alex Mangion Proponent u Victor Galea Sekondant.

## 47.8 Mozzjonijiet; u

47.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 47.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

47.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-5.56pm u ġiet aġġornata għall-27 ta' Lulju 2022 fis-5.30pm

Konfermati, illum 27 ta' Lulju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |